

Il-proċess ta' għażla tal-membri tal-Kumitat tar-Reġjuni

Proċeduri applikati fl-Istati Membri

SOMMARJU

Il-preambolu tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jiġbor, fost l-oġġettivi tiegħu, id-deċiżjoni li jissokta "l-proċess li joħloq għaqda dejjem eqreb fost il-popli tal-Ewropa, li fiha d-deċiżjonijiet jittieħdu kemm jista' jkun fil-qrib taċ-ċittadin". Għalhekk it-twaqqif tal-Kumitat tar-Reġjuni (KtR) bit-Trattat ta' Maastricht fl-1992 huwa parti minn qafas istituzzjonali li jfittex li jiggarantixxi parteċipazzjoni reġjonali u lokali ġenwina fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet Komunitarji.

Il-proċedura tal-għażla tal-membri tal-Kumitat tar-Reġjuni, bħala l-korp rappreżentattiv tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, hija ta' importanza kbira għat-tħaddim tiegħu.

Il-proċeduri differenti tal-għażla tal-membri u tas-sostituti tal-KtR fl-Unjoni Ewropea jirriflettu d-diversità tas-sistemi politiċi u reġjonali li teżisti fl-Ewropa. It-tkabbir tal-Unjoni għal 27 Stat Membru jkompli jenfasizza dan il-punt.

Għaldaqstant, għandna quddiemna żewġ sitwazzjonijiet. Minn naħa, fil-pajjiżi federali jew il-pajjiżi li għandhom sistemi reġjonali b'saħħithom, bħalma huma l-Ġermanja, l-Awstrija, il-Belġju, Spanja jew l-Italja, ir-rwol rappreżentattiv tar-reġjuni huwa stipulat b'mod ċar fl-atti legali. F'dawn il-pajjiżi, id-delegazzjonijiet nazzjonali fil-KtR huma essenzjalment magħmula minn rappreżentanti reġjonali, filwaqt li l-awtoritajiet lokali f'it li xejn huma rappreżentati. Min-naħa l-oħra, fil-pajjiżi li m'għandhomx sistemi reġjonali jew f'dawk fejn dawn huma aktar dgħajfa, ir-rappreżentanti huma l-aktar, jekk mhux kompletament, rappreżentanti tal-awtoritajiet lokali (pereżempju l-Portugall, il-Greċja, l-Estonja, il-Latvja, Ċipru, l-Iżvezja u l-Lussemburgu).

Minkejja d-diversi proċeduri ta' ħatra adottati għal kull delegazzjoni nazzjonali, jehtiegħ nenfasizzaw is-sehem kbir li għandhom l-assoċjazzjonijiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-proċess tal-għażla. Fil-fatt, fil-maġġoranza tal-Istati Membri, u b'mod partikulari fil-każ tad-delegazzjonijiet il-ġodda, huma l-

assoċjazzjonijiet tal-awtoritajiet regionali jew lokali li huma inkarigati jħejju l-listi tal-kandidati u jressquhom lill-gvern nazzjonali għad-deċiżjoni finali. Għalkemm is-sensittività politika tal-gvernijiet nazzjonali fir-rigward tal-korpi sottonazzjonali tagħhom tvarja minn pajjiż għall-ieħor, huwa rari li l-listi mressqa mill-assoċjazzjonijiet jiġu riveduti. Fil-fatt, kważi l-gvernijiet nazzjonali kollha jaċċettaw il-lista tal-kandidati li titressaq quddiemhom, u japprovawha mingħajr emendi qabel ma jgħadduha lill-Kunsill tal-Ministri.

Mill-Artikolu 198A tat-Trattat ta' Maastricht sal-aktar emendi riċenti li saru mit-Trattat ta' Liżbona, li ġie ffirmat fit-13 ta' Diċembru 2007 u li bħalissa qiegħed jiġi ratifikat mill-Istati Membri tal-UE, id-dispożizzjonijiet rigward il-kompożizzjoni u l-proċess ta' għażla tal-membri tal-Kumitat tar-Regġuni ġew emendati bosta drabi¹.

Għalkemm it-Trattat ta' Amsterdam jirrappreżenta progress fir-rigward tal-kompetenza tal-Kumitat tar-Regġuni, b'mod speċjali permezz tat-tisħiħ tal-funzjoni konsultattiva tiegħu, huwa biss bit-Trattat ta' Nizza li ġew meqjusa t-talbiet tal-Kumitat dwar il-proċess ta' għażla tal-membri tiegħu. Minn dak iż-żmien 'l hawn, wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Nizza fl-1 ta' Frar 2003, il-membri u s-sostituti tal-KtR iridu jkun persuni eletti direttament jew politikament responsabbli lejn assemblea eletta permezz ta' elezzjonijiet diretti. Madankollu, jeħtieġ nenasizzaw li mill-ħolqien tal-Kumitat tar-Regġuni 'l hawn, apparti numru ta' eċċezzjonijiet, il-biċċa l-kbira tad-delegati nazzjonali qiesu dan il-prinċipju ta' leġittimità demokratika.

Fl-aħħar nett, ladarba t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jidħol fis-seħħ skont kif se jirriżulta mill-emendi introdotti mit-Trattat ta' Liżbona², id-dispożizzjonijiet il-ġodda li jirregolaw il-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Regġuni u l-għażla tal-membri tiegħu ser jiġu intitolati kif ġej:

**Is-sitt parti “Dispożizzjonijiet istituzzjonali u finanzjarji” - Titolu I
“Dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istituzzjonijiet” - Kapitolu 3
“Korpi konsultattivi tal-Unjoni” Artikolu ġdid 300 (1), (3), (4) u (5)
tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea – TFEU
(dispożizzjoni komuni għall-Kumitat tar-Regġuni u għall-Kumitat
Ekonomiku u Soċjali),**

¹ Ara l-Appendiċi II għal ħarsa ġenerali dwar l-emendi għad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-proċess tal-għażla tal-membri tal-Kumitat tar-Regġuni mill-Artikolu 198A tat-Trattat ta' Maastricht.

² Verżjoni konsolidata tat-TFUE, Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea 2008/C115/01, il-51 sena, 9 ta' Mejju 2008

“1. Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom ikunu assistiti minn Kumitat Ekonomiku u Soċjali u minn Kumitat tar-Reġjuni, li jeżerċitaw funzjonijiet konsultattivi.

[...]

3. Il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettoral ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

4. Il-membri tal-Kumitat tar-Reġjuni u tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali m'għandhom ikunu marbuta minn ebda mandat obligatorju. Għandhom jaqdu dmirijiethom f'indipendenza sħiħa, fl-interess ġenerali tal-Unjoni..

5. Ir-regoli previsti fil-paragrafi 2 u 3 dwar in-natura tal-kompożizzjoni tagħhom għandhom jiġu riveduti f'intervalli regolari mill-Kunsill sabiex jieħdu inkonsiderazzjoni l-iżviluppi ekonomiċi, soċjali u demografiċi fi ħdan l-Unjoni. Il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta deċiżjonijiet għal dan il-għan.”

Is-sitt parti “Dispożizzjonijiet istituzzjonali u finanzjarji” - Titolu I “Dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istituzzjonijiet” - Kapitolu 3 “Korpi konsultattivi tal-UE – Taqsima 2 “Il-Kumitat tar-Reġjuni” Artikolu ġdid 305 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea – TFUE (ex-Artikolu 263(2), (3) u (4), TKE)

“In-numru ta' membri tal-Kumitat tar-Reġjuni ma jaqbix it-tliet mija u ħamsin.

Il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Kumitat.

Il-membri tal-Kumitat u numru ndaq ta' membri supplenti jinħatru għal ħames snin. Il-perjodu tal-mandat tagħhom jista' jiġġedded. Il-Kunsill jadotta l-lista tal-membri u tal-membri supplenti li tiġi mfassla skont il-proposti li jsiru minn kull Stat Membru. Meta l-mandat imsemmi fl-Artikolu 300(3) li bis-saħħa tiegħu ikunu ġew proposti jiskadi, il-kariga tal-membri tal-Kumitat tintemm awtomatikament u dawn jiġu sostitwiti għaż-żmien li jkun fadal mill-perjodu msemmi tal-

karigi skont l-istess proċedura. Ebda membru tal-Kumitat ma jista' jkun fl-istess waqt membru tal-Parlament Ewropew.”

Tajjeb li jiġi enfasizzat li, wara l-emendi li saru mit-Trattat ta' Liżbona, ladarba t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jidħol fis-seħħ, it-tqassim tal-membri tal-Kumitat tar-Reġjuni mhux se jidher iktar fit-Trattat iżda se jkun f'idejn il-Kunsill li jadotta deċiżjoni li tistabilixxi l-kompożizzjoni tal-Kumitat³.

B'mod ġenerali, hemm żewġ kriterji li ġew meqjusa mill-pajjiżi kollha tul il-proċess tal-għażla: il-bilanċ politiku u dak ġeografiku u territorjali. Dawn huma ż-żewġ kriterji li huma essenzjali għal rappreżentazzjoni tajba tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fi ħdan il-Kumitat tar-Reġjuni. Ta' min jinnota wkoll li aktar u aktar delegazzjonijiet fil-KtR qed jinkludu r-rappreżentazzjoni ugwali tan-nisa u l-irġiel fost il-kriterji ta' għażla.

Dan l-istudju huwa magħmul minn ġabra ta' tagħrif dwar is-27 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea. Kull kapitolu huwa ddedikat għal pajjiż wieħed u huwa maqsum fi tliet partijiet:

- 1) it-tqassim tas-siġġijiet (id-delegazzjoni tal-pajjiż, il-membri u s-sostituti);
- 2) il-bażi legali;
- 3) il-proċedura tal-għażla.

Fit-taqsimha “Bażi legali”, wieħed jista' jara kif bosta pajjiżi jagħżlu l-membri tagħhom skont il-bażi legali tal-Artikolu 263 TEC; dan huwa l-każ, b'mod partikulari, ta' Franza, l-Olanda, il-Lussemburgu, il-Greċja, Ċipru, id-Danimarka, l-Estonja, l-Ungerija, Malta, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju Unit u l-Iżvezja. Ċerti pajjiżi, bħall-Finlandja u s-Slovakkja, ma jikkwotaw l-ebda bażi legali mil-liġi Komunitarja jew mil-liġi nazzjonali fl-għażla tal-membri

³ Wara l-emendi li saru mill-Artikolu 15, Kapittlu 5, Titolu I tal-Att relatat mal-kondizzjonijiet tal-adeżjoni fl-Unjoni Ewropea tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja, u mill-Artikolu 13 tal-Att relatat mal-kondizzjonijiet tal-adeżjoni fl-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u dik tar-Rumanija, it-tqassim tas-siġġijiet tal-Kumitat tar-Reġjuni bejn l-Istati Membri bħalissa huwa kif ġej: Il-Belġju – 12; ir-Repubblika Ċeka – 12; id-Danimarka – 9; il-Ġermanja – 24; l-Estonja – 7; il-Greċja – 12; Spanja – 21; Franza – 24; l-Irlanda – 9; l-Italja – 24; Ċipru – 6; il-Latvja – 7; il-Litwanja – 9; il-Lussemburgu – 6; l-Ungerija – 12; Malta – 5; l-Olanda – 12; l-Awstrija – 12; il-Polonja – 21; il-Portugall – 12; is-Slovenja – 7; is-Slovakkja – 9; il-Finlandja – 9; l-Iżvezja – 12; ir-Renju Unit – 24; il-Bulgarija – 12; ir-Rumanija – 15. Ara wkoll l-Artikolu 263 tal-verżjoni konsolidata tat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea (Anness II).

rispettivi tagħhom, filwaqt li pajjiżi oħra jibbażaw l-għażla tagħhom fuq digrieti ministerjali, ordnijiet tal-Ministru tal-Intern, opinjonijiet legali kif ukoll deċiżjonijiet.

Id-dettalji tad-diversi proċeduri ta' għażla tal-membri tal-KtR fis-27 Stat Membru tal-UE inklużi f' dan l-istudju ġew aġġornati f' Ġunju 2007*.

* Fil-preżent l-istudju huwa disponibbli bil-FR; se jkun disponibbli wkoll bl-EN, iżda minħabba t-tul tiegħu, għalissa għad m'hemmx il-ħsieb li ssir traduzzjoni tiegħu fil-lingwi Komunitarji l-oħra.

Għal aktar informazzjoni: Studies@cor.europa.eu

Kumitat tar-Regġuni, Direttorat għall-Ħidma Konsultattiva, Dipartiment tal-Istudji.